



## STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 162/24

Il-Lussemburgu, l-4 ta' Ottubru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-406/22 | Ministerstvo vnitra České republiky, Odbor azylové a migrační politiky

### Politika tal-ażil: l-indikazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż tal-orìgini sigur għandha testendi għat-territorju kollu tiegħu

*Il-qorti nazzjonali li teżamina l-legalità ta' deċiżjoni amministrattiva li tirrifjuta l-għoti tal-protezzjoni internazzjonali għandha tqajjem il-ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-indikazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż tal-orìgini sigur*

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kundizzjonijiet tal-indikazzjoni, minn Stat Membru, ta' pajjiż terz bħala pajjiż tal-orìgini sigur, skont id-Direttiva dwar proċeduri komuni fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali<sup>1</sup>. Hija tqis li l-fatt li pajjiż terz jidderoga mill-obbligi taħt il-KEDB ma jeskludix il-possibbiltà li dan jiġi indikat bħala tali. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom, madankollu, jevalwaw jekk il-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-dritt ta' deroga jistgħux iqiegħdu f'dubju din l-indikazzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi Stat Membru milli jindika pajjiż terz bħala pajjiż tal-orìgini sigur għal parti mit-territorju tiegħu biss. Iktar minn hekk, il-qorti nazzjonali mitluba tivverifika l-legalità ta' deċiżjoni amministrattiva fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għandha tqajjem *ex officio*, abbażi tal-eżami sħiħ li hija għandha twettaq, ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-indikazzjoni ta' pajjiż terz tal-orìgini sigur.

Fl-2022, CV, ċittadin tal-Moldova, ressaq applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fir-Repubblika Ċeka. Insostenn tal-applikazzjoni tiegħu, CV invoka t-theddid li għalih huwa kien suġġett fil-Moldova minn individwi li allegatament kienu aggredeh fil-passat u li l-awtoritajiet tal-pulizija ma kienx irnexxilhom jidentifikaw. Huwa indika wkoll li ma riedx jirritorna fir-reġjun tal-orìgini tiegħu, minħabba l-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja.

L-awtoritajiet Ċeki ċaħdu din l-applikazzjoni billi qiesu, b'mod partikolari, il-fatt li l-Moldova, bl-eċċezzjoni tat-Transnistrija, kienet ġiet indikata bħala pajjiż tal-orìgini sigur. Issa, CV ma rnexxilux juri li din l-indikazzjoni ma kinitx tapplika fil-każ partikolari tiegħu.

Adita b'rikors ta' CV kontra ċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu, il-Qorti Reġjonali ta' Brno (ir-Repubblika Ċeka) għamlet diversi domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar proċeduri komuni fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, qabelxejn, li **pajjiż terz ma jieqafx jissodisfa l-kriterji li jippermettulu jiġi indikat bħala pajjiż tal-orìgini sigur sempliċement għaliex huwa jinvoka id-dritt ta' deroga<sup>2</sup> mill-obbligi previsti mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB)**. Fil-fatt, id-dikjarazzjoni tal-użu ta' din id-deroga ma tippermettix konklużjoni, abbażi tagħha biss, la li ttiegħu miżuri ta' deroga u lanqas dwar x'inhuma n-natura u l-firxa tagħhom. Madankollu, l-invokazzjoni tad-dritt ta' deroga għandha twassal lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex jevalwaw jekk il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni tiegħu jkunux ta' natura li jiqiegħdu f'dubju din l-indikazzjoni.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li d-dritt tal-Unjoni ma jippermettix attwalment lill-Istati Membri jindikaw

bħala pajjiż tal-orìgini sigur parti biss mit-territorju tal-pajjiż terz ikkonċernat. Fil-fatt, **il-kriterji li jippermettu li pajjiż terz jiġi indikat bħala pajjiż tal-orìgini sigur għandhom jiġu osservati fit-territorju kollu tiegħu.**

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li **I-qorti nazzjonali**, adita b'rikors kontra ċ-ċaħda tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali mressqa minn applikant li joriġina minn pajjiż terz indikat bħala pajjiż tal-orìgini sigur, **għandha tqajjem ksur tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar din l-indikazzjoni.** Għaldaqstant, fil-kuntest tal-eżami tar-rikors ippreżentat quddiemha, il-Qorti Reġjonali ta' Brno għandha tiegħu inkunsiderazzjoni d-deroga tal-Moldova mill-obbligi tagħha previsti mill-KEDB, kif ukoll il-ksur, mir-Repubblika Ċeka, tal-kundizzjoni li l-indikazzjoni ta' pajjiż terz bħala pajjiż tal-orìgini sigur għandha testendi għat-territorju kollu tiegħu.

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



<sup>1</sup> [Direttiva 2013/32/UE](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali.

<sup>2</sup> Skont l-Artikolu 15 tal-KEDB, l-Istati kontraenti jistgħu jidderogaw minn ċerti obbligi imposti fuqhom abbażi ta' din il-konvenzjoni, fil-każ ta' gwerra jew ta' emerġenza oħra pubblika li thedded il-ħajja tan-nazzjon. L-eżerċizzju ta' dan id-dritt huwa suġġett għal ċerti kundizzjonijiet u kif ukoll għall-istħarriġ tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Fil-25 ta' Frar 2022, il-Moldova rrikorriet għall-Artikolu 15 tal-KEDB, minħabba l-kriżi tal-enerġija li hija kienet qiegħda taffaċċja. Fit-28 ta' April 2022, hija ddeċidiet, minħabba l-invażjoni tal-Ukraina mir-Russja, li testendi l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ta' deroga.